

Brussell, 4 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0248 (CNS)
2017/0249 (NLE)
2017/0251 (CNS)

12882/17
ADD 2

FISC 213
ECOFIN 788
IA 151

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 4 ta' Ottubru 2017

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2017) 326 final

Suġġett: DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI
jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li tintroduċi s-sistema definittiva għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 326 final.

Mehmuż: SWD(2017) 326 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.10.2017
SWD(2017) 326 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li tintroduċi s-sistema definittiva għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri

{COM(2017) 569 final}
{SWD(2017) 325 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li tintroduċi s-sistema definittiva għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri

A. Ftieġa li tittieħed azzjoni

Għalfejn? X'inhom l-problema li qed tiġi indirizzata?

Arranġamenti tranżizzjonali fid-Direttiva dwar il-VAT fir-rigward ta' tranżazzjonijiet intra-UE ta' merkanzija bejn in-negozji jwasslu għal (i) telf ta' madwar EUR 50 biljun fi dħul finanzjarju għall-Istati Membri minħabba Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes, li s-sors tagħha jinsab proprju fid-dgħufija endemika tas-sistema nnifisha, li tippermetti li jsir xiri transfruntiera ta' merkanzija mingħajr VAT; (ii) kumplessità li twassal għal spejjeż oġġla għan-negozji li jwettqu kummerċ transfruntiera meta mqabbel ma' negozji li jwettqu kummerċ f'livell domestiku biss (11 % oġġla), minħabba obbligi addizzjonali fuq in-negozjanti transfruntiera u l-applikazzjoni b'mod diverġenti tar-regoli dwar il-VAT mill-Istati Membri. Mingħajr azzjoni fil-livell tal-UE, is-soluzzjonijiet se jibqgħu frammentati u jista' jkollhom biss benefiċċji limitati.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

Arranġamenti definittivi għat-tassazzjoni tal-kummerċ intra-UE għandhom l-għan li jsaħħu s-sistema tal-VAT tal-UE billi jindirizzaw id-dgħufija endemika tagħha, filwaqt li jissimplifikawha billi jindirizzaw il-kumplessitajiet tagħha u jipprovdu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji kemm jekk dawn ikunu involuti fi tranżazzjonijiet domestiċi jew kif ukoll jekk iwettqu tranżazzjonijiet transfruntiera.

X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Jenħtieġ li ssir modifika fid-Direttiva dwar il-VAT sabiex jinbidlu l-arranġamenti tranżizzjonali li laħqu l-limiti tagħhom.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?

- L-Għażla 1: il-konsumaturi jkomplu jixtru merkanzija b'mod transfruntiera mingħajr VAT, iżda l-bidliet jaffettwaw ċerti tranżazzjonijiet (in-numru tal-VAT u s-simplifikazzjonijiet mogħtija lil Persuni Taxxabli Ċertifikati¹);
- L-Għażla 2: il-fornituri jimponu l-VAT fl-Istat Membru fejn tasal il-merkanzija (ħlief għal Persuni Taxxabli Ċertifikati). Punt Uniku ta' Servizz (OSS) jippermetti li n-negozji jħallsu l-VAT dovuta fi kwalunkwe Stat Membru fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom;
- L-Għażla 3: bidla teknika ekwivalenti għas-sistema attwali (skartata);
- L-Għażla 4: allinjament mar-regoli dwar is-servizzi;
- L-Għażla 5: simili għall-Għażla 2, iżda t-tassazzjoni sseħħ fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-klijent.

L-Għażla 2 hija l-għażla preferuta (tindirizza l-frodi u l-kumplessità) flimkien mal-Għażla 1, li tippermetti tranżizzjoni bla ntoppi lejn l-Għażla 2.

Liema għażla u min jappoġġaha?

L-Għażla 1 għandha l-appoġġ tal-Istati Membri u tan-negozji. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu wkoll jappoġġaw l-Għażla 2, filwaqt li n-negozji jistgħu wkoll jappoġġaw l-Għażla 4 u l-Għażla 5.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhom l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhom dawk ewlenin)?

L-Għażla 2: L-Istati Membri: It-tnaqqis tal-Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes b'EUR 41 biljun.

In-negozji: Tnaqqis fl-ispejjeż ta' konformità (EUR 1 biljun).

¹ Persuna Taxxabli Ċertifikata (CTP) hija negozju rikonossut bħala "affidabbli" mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Is-suq intern: Trattament ugwali tal-provvisti domestiċi u transfruntiera ta' merkanzija u żieda netta ta' EUR 18.5-il biljun fil-PDG tal-UE tul perjodu ta' 3 snin.

L-Għażla 1 tnaqqas l-ispejjeż ta' konformità għan-negozji (EUR 0.5 biljun fis-sena).

L-impatti ambjentali u soċjali mhumiex ta' natura sinifikanti.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?

L-Għażla 2: L-Istati Membri: żieda ta' EUR 385 miljun fl-ispejjeż amministrattivi għall-Istati Membri fis-sena tal-implimentazzjoni, u ta' EUR 311-il miljun fis-snin ta' wara.

In-negozji: Jista' jkun li ċerti SMEs jesperjenzaw żieda annwali ta' 6 % fl-ispejjeż ta' konformità.

L-Għażla 1 iżżid l-ispejjeż amministrattivi għall-Istati Membri b'EUR 35 miljun u ma twassalx għal trattament indaqs bejn il-provvista domestika u l-provvista transfruntiera tal-merkanzija.

L-impatti ambjentali u soċjali mhumiex ta' natura sinifikanti.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-inizjattiva ma tipprevedix trattament preferenzjali għall-SMEs. Tindirizza l-problemi li jikkonċernaw lin-negozji kollha. Il-mikrointrapriżi se jkomplu jibbenefikaw mill-iskema ta' eżenzjoni mill-VAT u minn miżuri ġodda ta' simplifikazzjoni li huma mmirati lejhom b'mod speċifiku permezz tal-pakkett ta' simplifikazzjoni għall-SMEs li jmiss².

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Fil-livell tal-UE, huwa mistenni benefiċċju nett ta' madwar EUR 43 biljun minħabba t-tnaqqis tal-Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes u minħabba l-inċidenza tal-fluss ta' flus li kieku jikkumpensaw sew għaż-żieda fl-ispejjeż amministrattivi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

It-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida teħtieġ li l-Istati Membri u n-negozji jadattaw għar-regoli l-ġodda (implimentazzjoni u kontroll).

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Implimentazzjoni gradwali:

L-ewwel Direttiva (Settembru 2017): l-implimentazzjoni tal-Għażla 1 ("soluzzjonijiet ta' malajr" b'rabta ma' Persuni Taxxabli Ċertifikati) u l-introduzzjoni tas-sisien tal-Għażla 2.

It-tieni Direttiva (2018): l-implimentazzjoni sħiħa tal-Għażla 2.

Monitoraġġ (eż. l-għadd ta' Persuni Taxxabli Ċertifikati, kwistjonijiet ta' implimentazzjoni) permezz tal-Kumitat tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Grupp dwar il-Futur tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Grupp ta' Esperti dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Evalwazzjoni: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

² Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni ([COM\(2016\) 148 final](#)).